IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.10.2015
C(2015) 6713 final

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' 6.10.2015**

**li temenda d-Deċiżjoni C(2013) 4879 dwar l-approvazzjoni ta' linji gwida dwar l-għeluq tal-programmi operazzjonali adottati għall-għajnuna mill-Fond Ewropew għas-Sajd (2007-2013)**

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta’ 6.10.2015**

**li temenda d-Deċiżjoni C(2013) 4879 dwar l-approvazzjoni ta’ linji gwida dwar l-għeluq tal-programmi operazzjonali adottati għall-għajnuna mill-Fond Ewropew għas-Sajd (2007-2013)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Biex tgħin fis-simplifikazzjoni u t-trasparenza tal-proċess tal-għeluq, il-linji gwida dwar l-għeluq għandhom jiġu emendati billi jkun hemm aktar kjarifiki dwar l-iskadenzi għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet pubbliċi u l-għażla tal-operazzjonijiet, ir-regoli speċifiċi b'rabta mat-tqassim f'fażijiet, l-użu tal-patrimonju tal-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja, l-użu ta' kontijiet imblukkati, id-dikjarazzjoni ta' nefqa eliġibbli ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja mal-għeluq, id-dikjarazzjoni ta' irkupri pendenti, u l-livell ta' miżuri korrettivi li għandhom jiġu applikati biex tinkiseb opinjoni mhux kwalifikata tal-awditu,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

L-Anness ta' din id-Deċiżjoni jieħu post l-Anness tad-Deċiżjoni C(2013)4879.

Magħmula fi Brussell, 6.10.2015

*Għall-Kummissjoni*
*Karmenu VELLA*
*Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Jordi AYET PUIGARNAU
Direttur tar-Reġistru
KUMMISSJONI EWROPEA